



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 16.7.2012  
COM(2012) 395 final

Proposta għal

**DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, f'konformità mal-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja soda (l-applikazzjoni EGF/2011/009 NL/Gelderland Construction 41 mill-Pajjiżi l-Baxxi)**

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Il-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja soda <sup>1</sup> jippermetti l-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) permezz ta' mekkaniżmu ta' flessibbiltà, bil-limitu massimu annwali ta' EUR 500 miljun lil hinn mill-intestaturi rilevanti tal-qafas finanzjarju.

Ir-regoli applikabbli għall-ġhotjiet mill-FEG huma stipulati fir-Regolament (KE) Nru 1927/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni<sup>2</sup>.

Fl-15 ta' Diċembru 2011, il-Pajjiżi l-Baxxi ressqu l-applikazzjoni EGF/2011/009 NL/Gelderland Construction 41 għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG, wara sensji f'54 intrapriża li joperaw fid-Diviżjoni 41 tan-NACE Reviżjoni 2 ("Kostruzzjoni ta' binjiet")<sup>3</sup> fir-reġjun NUTS II ta' Gelderland (NL22) fil-Pajjiżi l-Baxxi.

Wara analiżi fil-fond ta' din l-applikazzjoni, il-Kummissjoni kkonkludiet skont l-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006, li l-kundizzjonijiet għal kontribuzzjoni finanzjarja skont dan ir-Regolament huma ssodisfati.

### TAQSIRA TAL-APPLIKAZZJONI U ANALIŻI

<b>Dejta essenzjali:</b>	
Nru ta' Referenza tal-FEG	FEG/2011/009
Stat Membru	Il-Pajjiżi l-Baxxi
Artikolu 2	(b)
Intrapriżi kkonċernati	54
Reġjun NUTS II	Gelderland (NL22)
Diviżjoni tan-NACE Reviżjoni 2	41 ("Kostruzzjoni ta' binijiet")
Perjodu ta' referenza	1.2.2011 – 1.11.2011
Data ta' bidu għas-servizzi personalizzati	1.1.2012
Id-data tal-applikazzjoni	15.12.2011
Sensji matul il-perjodu ta' referenza	516

<sup>1</sup> ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.

<sup>2</sup> ĠU L 406, 30.12.2006, p. 1.

<sup>3</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-klassifikazzjoni tal-istatistika ta' attivitajiet ekonomiċi tan-NACE Reviżjoni 2 u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3037/90 kif ukoll ċerti Regolamenti tal-KE dwar setturi speċifiċi tal-istatistika (ĠU L 393, 30.12.2006, p. 1).

Il-ħaddiema ssensjati li mistennija jipparteċipaw fil-miżuri	435
Nefqa għas-servizzi personalizzati (EUR)	4 281 000
Nefqa għall-implimentazzjoni tal-FEG <sup>4</sup> (EUR)	178 375
Nefqa għall-implimentazzjoni tal-FEG (%)	4,0
Baġit totali (EUR)	4 459 375
Kontribuzzjoni tal-FEG (65 %) (EUR)	2 898 594

1. L-applikazzjoni tressqet quddiem il-Kummissjoni fil-15 ta' Diċembru 2011 u kienet sostnuta b'taġir addizzjonali sal-11 ta' Ġunju 2012.
2. L-applikazzjoni tissodisfa l-kundizzjonijiet biex jintuża l-FEG kif stabbilit fl-Artikolu 2(b) tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006, u tressqet fil-limitu ta' żmien ta' 10 ġimgħat imsemmi fl-Artikolu 5 ta' dak ir-Regolament.

**Ir-rabta bejn is-sensji u l-bidliet strutturali ewlenin fix-xejriet tal-kummerċ dinji minħabba l-globalizzazzjoni jew il-kriżi finanzjarja u ekonomika globali**

3. Sabiex jistabilixxu r-rabta bejn is-sensji u l-kriżi finanzjarja u ekonomika globali, il-Pajjiżi l-Baxxi jargumentaw li s-settur tal-kostruzzjoni fil-Pajjiżi l-Baxxi kif ukoll fl-Unjoni Ewropea kollha ntlaqat serjament mill-kriżi. Is-self lis-settur tal-kostruzzjoni jew lil individwi naqas drastikament, il-prezzijiet tal-materjali tal-kostruzzjoni żdiedu filwaqt li d-domanda għal djar ġodda naqset minħabba tnaqqis fil-fiduċja tal-konsumatur u n-nuqqas ta' flus kontanti.
4. Fil-Pjan ta' Rkupru Ekonomiku taġġha, il-Kummissjoni għarfet li b'riżultat tal-kriżi l-industrija tal-kostruzzjoni fl-UE rat tisbita fid-domanda. Id-dejta disponibbli tikkonferma t-tnaqqis sinifikanti fir-ritmu ekonomiku fis-settur tal-kostruzzjoni, li naqas fis-27 pajjiż tal-UE għal tmien kwarti konsekuttivi (Q1/2009 sa Q4/2010) meta mqabbel mal-istess perjodu tas-sena preċedenti, l-aktar minħabba t-tnaqqis fl-investiment privat fis-settur residenzjali.
5. Tnaqqis drastiku fil-produzzjoni bi 12,9 % mill-2008 sal-2010 kien identifikat fl-Industrija tal-kostruzzjoni tal-Pajjiżi l-Baxxi. Għalkemm l-ewwel kwart tal-2011 wera rkupru ta' 9,3 %, ix-xejra reġgħet naqset fit-tieni u t-tielet kwarti tal-2011 u t-tbassir għall-2012 mhuwiex pożittiv. It-tkabbir ekonomiku fit-tielet kwart tal-2011 meta mqabbel mal-istess perjodu tal-2010 fil-provinċja ta' Gelderland naqas aktar milli fil-bqija tal-pajjiż (0,6 % għal Gelderland meta mqabbel ma' 1,1 % tal-Pajjiżi l-Baxxi). Ħafna indikaturi ekonomiċi (il-fatturat, l-impjiegi, l-investiment) inbidlu minn pożittiv fl-2010 għal negattiv fl-2011. Il-livell tal-prezz tad-djar fl-2011 kompli jonqos bi 3,6 % meta mqabbel mal-2010 u laħaq il-livell tal-2005; dan kellu impatt negattiv fuq is-settur tal-kostruzzjoni.

<sup>4</sup> B'konformità mat-tielet paragrafu tal-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006.

6. Il-kriżi ekonomika u finanzjarja ġabet magħha tnaqqis fl-infiq biex jonqos id-defiċit fil-baġit tal-gvern. It-tnaqqis fin-nefqa pubblika kellu impatt negattiv dirett fuq l-investimenti fi programmi tal-infrastrutturi u tad-djar. It-tnaqqis fin-nefqa tal-gvern ċentrali jinfluwenza wkoll lill-gvernijiet reġjonali tant li dawn ukoll huma obbligati jnaqqsu n-nefqa tagħhom. Il-provinċja ta' Gelderland se jkollha tnaqqas in-nefqa tagħha minn EUR 58 miljun kull sena mill-2011. Billi s-settur tal-kostruzzjoni huwa dipendenti ħafna fuq is-suq domestiku reġjonali, it-tnaqqis tal-baġits pubbliċi u l-programmi jpoġġi s-settur tal-kostruzzjoni f'pożizzjoni vulnerabbli. It-tnaqqis fil-baġit se jkompli jkollu konsegwenzi negattivi għall-impjiegi fis-settur.
7. Barra minn hekk, is-suq għal djar ġodda qed jiekien minħabba tnaqqis fl-investimenti tal-korporazzjonijiet tad-djar u l-muniċipalitajiet. Kien hemm ukoll żieda fin-numru ta' fallimenti fit-tielet kwart tal-2011.

### **Turija tal-għadd ta' sensji u konformità mal-kriterji tal-Artikolu 2(b)**

8. Il-Pajjiżi l-Baxxi ressqu din l-applikazzjoni skont il-kriterji ta' intervent tal-Artikolu 2(b) tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006 li jitlob li jkun hemm mill-anqas 500 sensja fuq perjodu ta' disa' xhur f'intrapriżi li joperaw fl-istess Diviżjoni tan-NACE Reviżjoni 2 f'reġjun wieħed jew f'żewġ reġjuni kontigwi fil-livell ta' NUTS II fi Stat Membru.
9. L-applikazzjoni tindika 516-il sensja f'54 intrapriża li joperaw fid-Diviżjoni 41 tan-NACE Reviżjoni 2 ("Kostruzzjoni ta' binjiet") fir-reġjun NUTS II ta' Gelderland (NL22) matul il-perjodu ta' referenza ta' disa' xhur mill-1 ta' Frar 2011 sal-1 ta' Novembru 2011. Dawn is-sensji kollha ġew ikkalkolati skont it-tieni inċiż tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006.

### **Spjegazzjoni tan-natura mhux prevista ta' dawk is-sensji**

10. L-awtortitajiet tal-Pajjiżi l-Baxxi jsostnu li l-kriżi finanzjarja u ekonomika u l-impatt tagħha fuq is-settur ma setgħux ikunu previsti. Qabel il-kriżi, is-settur tal-kostruzzjoni fil-Pajjiżi l-Baxxi kien sejjer tajjeb. Il-fatturat magħmul minn kumpaniji tal-bini residenzjali u mhux residenzjali ilu sejjer lura kontinwament mill-ewwel kwart tal-2009 u kien kważi 20 % taħt il-livell rekord tal-2008. Mill-ewwel kwart tal-2010, il-konsegwenzi tal-kriżi ekonomika kienu jinħassu wkoll fl-inġinerija ċivili. Il-fatturat miksub minn kumpaniji tal-inġinerija ċivili kien 'l isfel b'aktar minn 7 % fl-2010 meta mqabbel mal-2009, minkejja l-miżuri meħuda mill-gvern biex jagħti spinta lill-kostruzzjoni tal-proġetti infrastrutturali ppjanati. Fl-2009 miżuri bħal dawn xorta kellhom effett pożittiv fuq il-fatturat.

### **Identifikazzjoni tal-intrapriżi li taw is-sensji u l-ħaddiema li se jingħataw l-għajnuna**

11. L-applikazzjoni tirrigwarda 516-il sensja f'54 intrapriża. Il-Pajjiżi l-Baxxi jikkalkolaw li 435 biss se jkunu fil-mira għall-għajnuna; il-bqija tal-ħaddiema huma mistennija jsibu impjieg bl-inizjattiva tagħhom stess jew jirtiraw. Is-sensji seħħew fl-impriżi li ġejjin:

Intrapriżi u għadd ta' sensji			
Aannemersbedrijf Kranen BV	2	Dijkman Bouw B.V.	5
Aannemersbedrijf Kruisselbrink BV	5	EMHA B.V.	6
Aannemersbedrijf Volman	6	Engelaer v.o.f.	1
Aannemersbedrijf W. Kusters B.V.	8	Gebr. Heuting & zn B.V.	1
Aannemersbedrijf Wibo Lochem BV	40	GML Gelders Metsel- en Lijmbedrijf BV	8
aannemingsbedrijf Berendsen-van Geemen BV	1	Hermesen Bouw & Timmerwerken B.V.	3
Aannemingsmaatschappij Van Gelder BV	13	Hiddink Grondwerken transport B.V.	12
Ad Hofmans Hedel B.V.	1	Joosten Bouwservice B.V.	5
B&V Geveltechniek b.v.	1	KBZ BV (Keijzer Betonwerken Zutphen BV)	22
Borreman Bouw BV	6	Klaassen Bouwmaatschappij Arnhem B.V.	1
Borst Aannemersbedrijf BV	7	Kroeze Betonbouw BV	9
Bouw Service Ermelo BV	42	Kroeze Geodesie BV	2
Bouwbedrijf Bolster BV	6	La Paloma	1
Bouwbedrijf Folmer de Vries BV	1	Lenting Bouw V.O.F.	2
Bouwbedrijf Heimensen BV	8	Metselbedrijf Asselman BV	18
Bouwbedrijf Jansen-Bolk BV	8	Metselbedrijf W. Renden	6
Bouwbedrijf Kiezenbrink BV	4	P.B. Huberts Aanneming- en Wegenbouw-	45
Bouwbedrijf Kuiperij BV	16	Scholten Gevelrenovatie BV	13
Bouwbedrijf Rusbo BV	4	Scholten Metsel- en Stelwerken BV	35
Bouwmij Te Brake B.V.	6	Schutten Bouw B.V.	1
Bouw's Staalbouw B.V.	10	T.S. Around Services BV	1
Burgers van der Wal	3	Van den Boom Bouwbedrijf BV	8

Claes B.V.	1	Veerdonk en Mulder Bouwbedrijf	2
D & G Timmerfabriek BV	10	Verboon Bouwbedrijf B.V.	1
D & M Bouw VOF	8	Voegersbedrijf Scholten BV	15
Daams H.T.	3	Weijers Eikhout Vestiging Groesbeek BV	66
De Boer Montagetechnieken	1	Welling Bouw Didam B.V.	6
<b>Total tal-intrapriżi:</b>	<b>54</b>	<b>Total tas-sensji:</b>	<b>516</b>

12. It-tqassim tal-ħaddiema fil-mira huwa kif ġej:

<b>Kategorija</b>	<b>Għadd</b>	<b>Perċentwali</b>
Irġiel	420	96,55
Nisa	15	3,45
Ċittadini tal-UE	435	100,00
Ċittadini mhux tal-UE	0	0
bejn 15 u 24 sena	25	5,75
bejn 25 u 54 sena	290	66,67
bejn 55 u 64 sena	120	27,59
aktar minn 64 sena	0	0

13. M'hemmx ħaddiema bi problema tas-saħħa jew diżabbiltà fit-tul.

14. Fir-rigward ta' kategoriji ta' xogħol, it-tqassim huwa kif ġej:

<b>Kategorija</b>	<b>Għadd</b>	<b>Perċentwal</b>
Maniġer	2	0,46
Professjonali	50	11,49
Tekniċi	55	12,64
Ħaddiema ta' appoġġ klerikali	35	8,05
Ħaddiema involuti fil-qasam tas-servizzi u tal-bejgħ	10	2,30
Okkupazzjonijiet elementari	283	65,06

15. Skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006, il-Pajjiżi l-Baxxi kkonfermaw li ġiet applikata, u se tkompli tiġi applikata, politika ta' ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel kif ukoll politika ta' nondiskriminazzjoni matul l-istadji varji tal-implimentazzjoni tal-FEG u, b'mod partikolari, għall-aċċess tal-FEG.

### **Deskrizzjoni tat-territorju kkonċernat u l-awtoritajiet u l-partijiet interessati tiegħu**

16. Il-provinċja Olandiża ta' Gelderland hija l-akbar provinċja tal-Pajjiżi l-Baxxi li fiha madwar 2 miljun abitant. Ir-reġjun għandu popolazzjoni b'edukazzjoni tajba u fih 146 000 kumpanija. Hemm relattivament ħafna nies jaħdmu fil-kostruzzjoni (madwar 60 000 fl-2011) meta mqabbla ma' setturi oħra tal-industrija bħall-industrija tal-kimika (9 000), l-industrija tal-ikel (15 000) u l-industrija tal-metall/tal-elettriku (40 300).

17. L-awtoritajiet prinċipali kkonċernati huma l-Ministeru tal-Affarijiet Soċjali u l-Impjiegi; l-*Opleidingsbedrijf Doetinchem*, organizzazzjoni settorjali fis-settur tal-kostruzzjoni; il-Gvern Provinċjali ta' Gelderland; l-*UWVwerkbbedrijf*, aġenzija reġjonali tal-impjieg pubbliku, li tgħin lin-nies isibu impjieg ġdid u l-*Platform Arbeidsmarkt Onderwijs*, li fiha huma rrappreżentati l-istituzzjonijiet edukattivi u vokazzjonali kollha. Partijiet interessati rilevanti oħrajn huma: il-*Bouwend Nederland regio oost*, ir-rappreżentanza reġjonali tal-federazzjoni tal-impjegaturi fis-settur tal-kostruzzjoni; l-*FNV Bouw regio oost*, ir-rappreżentanza reġjonali tal-federazzjoni tat-trejdjunjins għas-settur tal-kostruzzjoni; is-*CNV Vakmensen*, ir-rappreżentanza tal-federazzjoni Kristjana tat-trejdjunjins għas-settur tal-kostruzzjoni u l-*OBD opleidingen*, ċentri tat-taħriġ vokazzjonali oħra għas-settur tal-kostruzzjoni.

### **L-impatt mistenni tas-sensji fir-rigward tal-impjiegi lokali, reġjonali jew nazzjonali**

18. L-awtoritajiet tal-Pajjiżi l-Baxxi jsostnu li minħabba l-importanza fis-settur tal-kostruzzjoni ta' Gelderland, is-sensji jinħassu sew. Ir-rata tal-qgħad fl-2011 f'Gelderland kienet ta' 5,9 %, frazzjoni ogħla mill-medja għall-Pajjiżi l-Baxxi. Fl-2010, l-impjiegi fis-settur tal-kostruzzjoni f'Gelderland kienu 6,5 % tal-impjiegi totali fil-provinċja. Fl-2010, 4 100 impjieg intilfu fis-settur tal-kostruzzjoni (tnaqqs b'6,5 %). Fl-2011, kien hemm irkupru żgħir (500 impjieg), madankollu, ir-raba' kwart tal-2011 kien ikkaratterizzat mill-ġdid minn bosta sensji fis-settur. Il-qgħad fost iż-żgħażaġħ żdied b'10 % fl-2011.

### **Pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati li għandhom jiġu ffinanzjati u t-tqassim tal-ispejjeż stmati tiegħu, inkluża l-komplementarjetà tiegħu mal-azzjonijiet iffinanzjati mill-Fondi Strutturali**

19. Is-servizzi personalizzati se jiġu offruti lill-ħaddiema ssensjati fiċ-ċentri ta' taħriġ vokazzjonali ġestiti mis-settur tal-kostruzzjoni. Minbarra l-ġhajjnuna biex jinstab impjieg, kull wieħed mill-ħaddiema fil-mira se jieħu sehem f'miżura waħda biss, għalkemm f'każijiet limitati, il-miżuri se jingħaqdu biex jinkisbu r-riżultati mixtieqa. Il-Pajjiżi l-Baxxi jipproponu pakkett ta' miżuri favur il-ħaddiema ssensjati, li huwa mibni madwar tliet stadji konsekuttivi: l-intake (għajjnuna biex jinstab impjieg), it-tnejn għas-suq tax-xogħol (pakkett individwali ta' miżuri) u x-xogħol:
- Għajjnuna biex jinstab impjieg: Dan il-programm huwa offrut lill-parteċipant individwali u jagħti pariri dwar opportunitajiet disponibbli ta' taħriġ u ta' karriera, taħriġ intensiv dwar kif wieħed japplika għal xogħol u kif jikteb l-ittri tal-applikazzjoni. Kull parteċipant se jingħata punt ta' kuntatt għall-għajjnuna fil-*viċinat tiegħu* (peress li kull UWV reġjonali hija involuta) li minnu jikseb għajjnuna għat-trasferiment tad-dokumenti meħtieġa (id-dikjarazzjonijiet tad-dħul, u d-dokumenti tal-benefiċċji tal-qgħad) u dawn se jniedu l-kuntatti mal-industrija tal-kostruzzjoni. Huwa stmat li l-ħaddiema kollha fil-mira se jieħdu din l-azzjoni.
  - Taħriġ u taħriġ mill-ġdid: Din tkopri programm ta' taħriġ intensiv li hu mmirat lejn profili ġodda tax-xogħol. It-taqsimiet tat-taħriġ fihom diversi moduli, li jistgħu jiġu segwiti separatament, skont il-ħtiġijiet u l-ħiliet personali. Kors ta' taħriġ sħiħ jieħu madwar sena u jikkonsisti minn pakkett ta' moduli, eż. taħriġ ta' 11,5-il xahar għal bennej/xogħol fil-ġebel huwa magħmul minn: trattament ta' faċċati, xogħol fil-ġebel, tqegħid ta' madum u flaxing. Huwa stmat li 75 ħaddiem se jagħżlu din it-taħriġ intensiv.

- Għajnuna għar-rikollokament : Din tkopri pariri lill-ħaddiema mmirati lejn setturi ġodda bħalma huma s-setturi tal-inġinerija, xogħol ta' installazzjoni elettroteknika, is-settur tas-saħħa jew servizzi ta' catering. Din tista' wkoll tirriżulta f'konsulenza għas-settur tal-kostruzzjoni biex jitħarrġu mill-ġdid ħiliet li huma aktar aġġornati f'dak li s-settur tal-kostruzzjoni jeħtieġ (eż. fil-kostruzzjoni ta' kompożizzjoni). Il-konsulenza ssir fuq bażi individwali u tinkludi: evalwazzjoni tal-ħiliet u l-profil, is-sejbien tal-aħjar xogħol jew mogħdija edukattiva skont il-ħiliet/profil evalwati u l-monitoraġġ tal-progress tal-proċess għar-rikollokament individwali. Hu stmat li 150 ħaddiem se jibbenefikaw minn din il-miżura.
  - Promozzjoni tal-intraprenditorjat: Din tirrelata mal-igġwidar tal-ħaddiema ssensjati lejn xogħol għal rashom u l-appoġġ li jingħataw sabiex jibdew l-intrapriżi tagħhom. Il-miżura se tikkonsisti minn taħriġ vokazzjonali (eż. f'sengħa) u korsijiet fit-tmexxija ta' negozju. Huwa stmat li 60 ħaddiem se jieħdu din il-miżura.
  - Flexpool: Dan huwa l-pool flessibbli kemm għal min qed ifittex impjieg kif ukoll għall-impjegaturi fis-settur tal-kostruzzjoni li jistgħu joffru impjieg temporanju. Bis-saħħa ta' dan is-servizz, jista' jiġi organizzat arranġament flessibbli. Il-ħaddiema mħarrġa mill-ġdid ikunu jistgħu jiksbu esperjenza ġdida tax-xogħol, iżda barra minn hekk, ix-xogħol jingħaqad mat-tagħlim. Il-ħaddiema se jirċievu salarju regolari normali kif imniżżel fil-ftehim kollettiv tax-xogħol u t-tul tiegħu se jkun limitat fiż-żmien skont il-liġi tal-Pajjiżi l-Baxxi dwar ix-xogħol flessibbli. Hu stmat li 150 ħaddiem se jieħdu sehem f'din il-miżura.
20. In-nefqa għall-implimentazzjoni tal-FEG, li hija inkluża fl-applikazzjoni skont l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006, tkopri attivitajiet ta' ġestjoni u ta' kontroll kif ukoll tagħrif u pubbliċità.
21. Is-servizzi personalizzati ppreżentati mill-awtoritajiet tal-Pajjiżi l-Baxxi huma miżuri attivi tas-suq tax-xogħol fi ħdan l-azzjonijiet eliġibbli kif imfissra fl-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006. L-awtoritajiet tal-Pajjiżi l-Baxxi jikkalkolaw li t-total tal-ispejjeż ta' dawn is-servizzi se jkun ta' EUR 4 281 000 u n-nefqa għall-implimentazzjoni tal-FEG se tkun ta' EUR 178 375 (4,00 % tal-ammont totali). Il-kontribuzzjoni totali mitluba mill-FEG hija ta' EUR 2 898 594 (65 % tal-ispejjeż totali).



Azzjonijiet	Numru stmat ta' ħaddiema identifikati	Spiża stmata għal kull ħaddiem identifikat (EUR)	Spejjeż totali (l-FEG u l- kofinanzjament nazzjonali) (EUR)
<b>Servizzi personalizzati</b> (l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006)			
Għajnuna biex jinstab impjeg	435	2 600	1 131 000
Taħriġ u taħriġ mill-ġdid	75	18 000	1 350 000
Għajnuna għar-rikollokament	150	8 200	1 230 000
Promozzjoni tal-intraprenditorjat	60	4 500	270 000
Flexpool:	150	2 000	300 000
<b>Subtotal tas-servizzi personalizzati</b>			<b>4 281 000</b>
<b>Nefqa għall-implimentazzjoni tal-FEG</b> (it-tielet paragrafu tal-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006)			
Attivitajiet ta' tħejjija			0
Ġestjoni			44 594
Tagħrif u pubbliċità			44 594
Attivitajiet ta' kontroll			89 187
<b>Subtotal tan-nefqa għall-implimentazzjoni tal-FEG</b>			<b>178 375</b>
<b>Total tal-ispejjeż stmati</b>			<b>4 459 375</b>
<b>Kontribuzzjoni tal-FEG (65 % tal-ispejjeż totali)</b>			<b>2 898 594</b>

22. Il-Pajjiżi l-Baxxi jikkonfermaw li l-miżuri deskritti hawn fuq jikkumplimentaw l-azzjonijiet iffinanzjati mill-Fondi Strutturali. Il-Pajjiżi l-Baxxi se jistabbilixxu l-proċeduri ta' kontroll meħtieġa biex jeliminaw kull riskju ta' finanzjament doppju u se jiżguraw ukoll li jkun hemm rekord ċar tal-verifiki għall-attivitajiet ta' finanzjament mill-FEG.

**Id-data/i meta bdew jew meta huwa maħsub li jibdew is-servizzi personalizzati għall-ħaddiema affettwati**

23. Il-Pajjiżi l-Baxxi bdew is-servizzi personalizzati għall-ħaddiema affettwati inklużi fil-pakkett koordinat propost lill-FEG għall-kofinanzjament fl-1 ta' Jannar 2012. Din

id-data, għalhekk, tirrappreżenta l-bidu tal-perjodu ta' eliġibbiltà għal kwalunkwe għajnuma li tista' tingħata mill-FEG.

### **Proċeduri għall-konsultazzjoni mal-imsieħba soċjali**

24. L-imsieħba soċjali ġew involuti fit-tħejjija tal-applikazzjoni. Il-proposta bdiet mill-Opleidingsbedrijf Doetinchem, organizzazzjoni settorjali għas-settur tal-kostruzzjoni li fiha huma rrappreżentati l-imsieħba soċjali. L-attivitajiet ta' tħejjija kienu jinkludu sensiela ta' laqgħat reġjonali mar-rappreżentanti tas-setturi u mal-kumpaniji tal-kostruzzjoni u diskussjonijiet fost l-imsieħba kollaborattivi u l-UWV. Id-diskussjonijiet irriżultaw fi pjan għal ħaddiema ssensjati inkluż it-twaqqif ta' punt ta' servizz għall-okkupazzjonijiet fil-professjonijiet tas-settur tekniku u tal-kostruzzjoni. Ħafna mill-aspetti tal-pjan aktar tard ġew introdotti fil-proġett. L-imsieħba soċjali huma wkoll involuti fl-implimentazzjoni billi dawn jirregolaw il-faċilitajiet ta' taħriġ u edukattivi fis-settur.
25. L-awtoritajiet tal-Pajjiżi l-Baxxi kkonfermaw li r-rekwiżiti stipulati fil-leġislazzjoni nazzjonali u tal-UE dwar is-sensji kollettivi, ġew osservati.

### **Tagħrif dwar azzjonijiet li huma obligatorji bis-saħħa tal-liġi nazzjonali jew skont il-ftehimiet kollettivi**

26. Fir-rigward tal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006, l-awtoritajiet tal-Pajjiżi l-Baxxi fl-applikazzjoni tagħhom:
  - ikkonfermaw li l-kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG ma tissostitwixxix miżuri li huma r-responsabbiltà ta' kumpaniji bis-saħħa tal-liġi nazzjonali jew il-ftehimiet kollettivi;
  - urew li l-azzjonijiet jipprovdu appoġġ għall-ħaddiema individwali u ma għandhomx jintużaw għar-ristrutturar tal-kumpaniji jew tas-setturi;
  - ikkonfermaw li l-azzjonijiet eliġibbli msemmija hawn fuq ma jirċevux għajnuma minn strumenti finanzjarji oħra tal-UE.

### **Sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll**

27. Il-Pajjiżi l-Baxxi nnotifikaw lill-Kummissjoni li l-kontribut finanzjarju se jkun ġestit u kkontrollat mill-istess korpi li jiġġestixxu u jikkontrollaw il-Fond Soċjali Ewropew fil-Pajjiżi l-Baxxi. L-Aġenzija għall-Affarijiet Soċjali (id-dipartiment tal-Ministeru tal-Affarijiet Soċjali u l-Impjiegi) se jkollha r-responsabbiltà għall-monitoraġġ, il-kontroll, it-tagħrif, il-pubbliċità u l-ħlasijiet għall-każ tal-FEG.

### **Finanzjament**

28. Abbażi tal-applikazzjoni mill-Pajjiżi l-Baxxi, il-kontribuzzjoni proposta mill-FEG għall-pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati (inkluża n-nefqa biex jiġi implimentat il-FEG) hija ta' EUR 2 898 594, li tirrappreżenta 65 % tal-ispiża totali. L-allokkazzjoni mill-Fond li pproponiet il-Kummissjoni hija bbażata fuq it-tagħrif li l-Pajjiżi l-Baxxi għamlu disponibbli.

29. B'kunsiderazzjoni tal-ammont massimu possibbli ta' kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG skont l-Artikolu 10(1) tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006, kif ukoll tal-kamp ta' applikazzjoni għar-riallokazzjoni ta' approprjazzjonijiet, il-Kummissjoni tipproponi li timmobilizza l-FEG għall-ammont totali msemmi hawn fuq, li għandu jiġi allokati skont l-intestatura 1a tal-qafas finanzjarju.
30. L-ammont propost ta' kontribuzzjoni finanzjarja jippermetti li aktar minn 25 % tal-ammont annwali massimu allokati għall-FEG jibqa' disponibbli biex ikun allokati matul l-aħħar erba' xhur tas-sena, kif stipulat fl-Artikolu 12(6) tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006.
31. Permezz tal-preżentazzjoni ta' din il-proposta sabiex timmobilizza l-FEG, il-Kummissjoni qed tibda l-proċedura ssimplifikata ta' trijalogu, kif mitlub mill-Punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006, sabiex tiżgura l-qbil taż-żewġ fergħat tal-awtorità baġitarja dwar il-ħtieġa li jintuża l-FEG u l-ammont meħtieġ. Il-Kummissjoni tistieden lill-ewwel waħda miż-żewġ fergħat tal-awtorità baġitarja li tilħaq ftehim dwar l-abbozz tal-proposta għall-mobilizzazzjoni biex, fl-ivell politiku xieraq, tgħarraf lill-fergħa l-oħra u lill-Kummissjoni bl-intenzjonijiet tagħha. F'każ ta' nuqqas ta' qbil minn xi waħda miż-żewġ fergħat tal-awtorità baġitarja, issir laqgħa formali ta' trijalogu.
32. B'mod separat, il-Kummissjoni tippreżenta talba ta' trasferiment sabiex fil-baġit għall-2012 iddaħħal approprjazzjonijiet speċifiċi għall-impenji, kif mitlub mill-Punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006.

#### **Sors tal-appropriazzjonijiet għall-ħlasijiet**

33. Se jintużaw approprjazzjonijiet mil-linja baġitarja tal-FEG biex ikopru l-ammont ta' EUR 2 898 594 meħtieġ għal din l-applikazzjoni.

**DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, f'konformità mal-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja soda (l-applikazzjoni EGF/2011/009 NL/Gelderland Construction 41 mill-Pajjiżi l-Baxxi)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw il-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja soda<sup>5</sup>, u b'mod partikolari l-punt 28 tiegħu,

Wara li kkunsidraw ir-Regolament (KE) Nru 1927/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jstabilixxi l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni<sup>6</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 12(3) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Europea<sup>7</sup>,

Billi:

- (1) Il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) twaqqaf biex jipprovdi appoġġ addizzjonali għall-ħaddiema ssensjati minħabba bidliet strutturali kbar fl-andament tal-kummerċ dinji minħabba l-globalizzazzjoni u biex jgħinhom fir-riintegrazzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol.
- (2) Il-kamp ta' applikazzjoni tal-FEG twessa' għall-applikazzjonijiet imressqa mill-1 ta' Mejju 2009 sat-30 ta' Diċembru 2011 biex jinkludi appoġġ għall-ħaddiema ssensjati bħala riżultat dirett tal-kriżi finanzjarja u ekonomika globali.
- (3) Il-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 jippermetti l-mobilizzazzjoni tal-FEG fil-limitu massimu annwali ta' EUR 500 miljun.
- (4) Il-Pajjiżi l-Baxxi ressqo applikazzjoni biex jimmobilizzaw il-FEG, fir-rigward tas-sensji f'54 intrapriża li joperaw fid-Div iżjoni 41 Reviżjoni 2 tan-NACE ("Kostruzzjoni ta' binjiet") fir-reġjun NUTS II ta' Gelderland (NL22), fil-15 ta' Diċembru 2011 u sostnuha b'taġħrif addizzjonali sal-11 ta' Ġunju 2012. Din l-applikazzjoni hija konformi mar-rekwiżiti għad-determinazzjoni tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji kif inhu

---

<sup>5</sup> ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.

<sup>6</sup> ĠU L 406, 30.12.2006, p. 1.

<sup>7</sup> ĠU C [...], [...], p. [...].

stabbilit fl-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006. Il-Kummissjoni, għalhekk, tipproponi li timmobilizza ammont ta' EUR 2 898 594.

- (5) Il-FEG għandu, għalhekk, jiġi mmobilizzat sabiex jipprovdi kontribuzzjoni finanzjarja għall-applikazzjoni mressqa mill-Pajjiżi l-Baxxi.

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2012, il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) għandu jiġi mmobilizzat biex jipprovdi s-somma ta' EUR 2 898 594 f'approprjazzjonijiet għall-impenji u għall-ħlasijiet.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Parlament Ewropew,  
Il-President*

*Għall-Kunsill,  
Il-President*